GCP/PAP, 26.159

# TIFHIR U TALB
# LIL SANT' ELENA
# IMPERATRICI

TITULARI TAL PARROCCIA MATRICI U COLLEGIATA
INSIGNI TA BIRCHIRCARA

MICTUB

MIS-SAC. DR. LUDOVICU MIFSUD TOMMASI.

I.

Gimiel, u hena min tal Cnisia,
Ruh uisk ghania bil kdusia,
Iddeu, Elena, ati uiden,
Isma minna dil fohria.

It-talb isma taghna insara,
Li bil kima inueggihuc,
Int ghalina koddiem Alla
Ithol dejem, nitolbuc.

*Pat. Ave. Glo.*

II.

Inti l'Omm, u Ibnec chien
Costantinu Imperatur,
Int ghallimtu it-triek tas-seua
Biex ghal hazen katt ma idur.
Chif irabbu lil uliedom,
Ghallem inti l'ommiet,
Halli il biza imkaddes t'Alla
Joctor dejem, u jizdiet.

*Pat. Ave. Glo.*

III.

Giaghalt l'Ibnec jati il paci
Lil Insara mahkurin,
U habrict biex tista tara
L'allat folox mekrudin.
Biex il Cnisia imhennia
Mil hemm tehles ta cul zmien;
Talbec samma dejem l'Alla,
Li jatiha das-surhien.

*Pat. Ave. Glo.*

IV.

Bla cobria fost il cobor,
Fost il gid kalbec mehlusa;
Habbeit l'Alla, u dhirt ta imhabtu
Bin-nirien kalbec micbusa.
Akilghinna li ninhallu
Min cul rabta li ghanna ahna,
Biex inhobbu gid is-sema,
U 'l gid liehor narau dahna.

*Pat. Ave. Glo.*

V.

Il ghaziz Salib inkaddes,
Li miet fuku ir-Redentur
Sa biex tficciu, u biex issibu
F'Palestina ghogboc tmur.
Inti b'talbec finha chebbes
Din il hrara cbira tighec,
Sa biex ahna ucoll bix-xeuka
F'edit-triek nis-siehbu mighec.

*Pat. Ave. Glo.*

VI.

Fein mardum chien is-Salib
Bid-daul t'Alla giec imgharraf,
Ghalèc fis titla il Calvariu,
Cul ma benha il ghadu ig-giarraf.

Jec il gid irridu insibu
Li icun taghna ghana cbir;
Min gio kalbna nibdghu leuel,
Minna inuarbu it-tahsir.

*Pat. Ave. Glo.*

VII.

B' hedma cbira thaffer l'art:
L' Alla titlob colloc hrara:
Die is-sigra min tal haja
Hec misiuba inti tara.

Jec il Genna bit-tbatia
Nakilghuha jahteginna;
Deh! o Mara min tal Kaua,
Din il kaua int akilghinna.

*Pat. Ave. Glo.*

VIII.

Diadema ghar-ras Ibnec
Inti tahdem bis-Salib,
Biex hec tgharraf int l' id-digna
Liema kima t'Alla ig-gib.

Li tal Fidi icun il hsieb,
Illi is-slaten 'leuel jehdu,
Int ghallimna l'ahna ghanna
Dlonc nitolbu, u nitniehdu.

*Pat. Ave. Glo.*

IX.

Min tal Cnisia ghala il gih
Int li f'ghomroc dejem hsibt;
Min ifisser liema hena
Fil meut tighec inti sibt!

Sa biex phalec fit-tmiem taghna
Ahna ucoll nigiu imhennia;
Bil gimiel cbir min ta kdusitec
Aghmel int nigiu moghnia.

*Pat. Ave. Glo.*

# HYMNUS.

Inclytam lætis Helenam canamus
Laudibus, claro celebrem Triumpho,
Unde vexillum retegens salutis;
Vicit Avernum.

Non ego in terris patiar, locuta est,
Longius robur Crucis occulari:
Jam meo tellus opus est remittat
Numine lignum.

Femina o fortis! Satanæ superbum
Quæ triumphatrix caput amputavit
Cuspidem, amotis penitus ruinis,
Promit in auras.

Te Crucis lignum, diadema Regum
Clarius quovis decorans lapillo,
Frontibus figens Helena Imperantùm
Auxit honorem.

Quanta Te propter Fidei admovetür
Laus, honor!—Quantum decus assecutum
Integro Christi genitam cruore
Relligionem!

Te Pater, Fili, Te Amor alme, Teque
Diva, quæ tantum Triadi attulisti
Gloriæ, gentes, Helene, celebrant,
Semper honorent,
℟. Amen.

# INNU

Lil dic Elena tifhir natu,
Illi sabet is-Salib,
U lil ghadu lacbar telfa
Hecca gharfet hia iggib.

Lè, lè, kalet, ma nahmilx
L'is-Salib jibka mitfun:
L'art jahtieg illi trodduli,
Mirdud lili għandu icun.

Chem tghaggibna il Kaua tighec!
Biesc il ghadu icun mitmum;
Heila chellec das-seif jislet,
Illi chien taht l'art mardum.

Bis-Salib eghezes min collox
Gbin is-Slaten chif ighniet;
Min tas-Slaten il gih cotor,
U mad-digna bil uisk zdiet.

Inti lil Fidi chem zitt kima!
B'liema gimiel giaghalt staghniet
Ommna il Cnisia, li Gesù
Imsokkia b'demmu riet!

Missier, Iben, Ruh il kodos,
Tlieta, u uihed infahhruc
Chem hem hlejak, gih u barca
Mal kaddisa il coll jatuc.

*R.* Hec icun,

ANTIPHONA

Manum suam aperuit inopi, et palmas suas extendit ad pauperem, et panem otiosa non comedit.

*V.* Diffusa est gratia in labiis tuis.
*R.* Propterea benedixit te Deus in æternum.

OREMUS

Domine Jesu Christe, qui locum, ubi Crux tua latebat, beatæ Helenæ revelasti, ut per eam Ecclesiam tuam hoc pretioso thesauro ditares; ejus nobis intercessione concede, ut vitalis ligni pretio, æternæ vitæ præmia consequamur. Qui vivis et regnas etc. *R.* Amen.

PARAFRASI

Kalb hanina ma cul hatt
Ida fethet lil fkairin :
Ghal chem Alla taha ghana
Mera chienet lil bezlin.

*V.* Fommoc chien il fom tal hleua.
*R.* Ghalec bierchec Alla seua.

TALBA

O Gesù li gharraft l'Elena
Fein chien mohbi is-Salib,
Biex il Cnisia bih moghnia
Cul ghainuna fih is-sib.

Ghat-talb tahha tichdinniex
Li nitmieghxiu, u jisthokinna
Dic il haja, li bil meut
Fis-Salib int irbahtinna.

*R.* Hec icun.

---

*L' Eccelmu. u Revmu. Mons. D. FRANGISCU SAVERIU CARUANA Arciiskof ta Rodi, u Iskof ta Malta jati erbghein jum indulgenza lil min igheid bil kalb din il Curunella ta S. Elena, u erbghein ohra lil min igheid l'Innu seua bil malti, seua bil-latin b'decriet mahrug fit-tlittax ta Jannar tal elf tmienmia tnein u erbghin.*

---

*MALTA—Bis-sensia tal Iskof.*